**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 296/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Rod Cini**

**Illum 12 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Rod Cini**, ta' tlieta u erbgħin (43) sena, bin John u Lorenza neè Vassallo, imwieled Malta nhar l-4 ta' April 1982, preżentement detenut fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0220182M, talli nhar it-2 ta' April 2025 bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) minn ġewwa l-istabiliment Direct Vision ta' Daniel's Shopping Mall ta' Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' Play Station 5 Portal u Play Station 4 compact controller, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' Marvin Stivala u/jew persuna/i naturali jew ġuridiċi oħra;

U wkoll talli matul il-ġurnata tat-3 ta' April 2025 minn ġewwa l-istabbiliment HandKrafts ta' Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta, u/jew f'bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2. Ikkommetta serq ta' headphones ta' Paw Patrol u Quokka Dark Colour Tumbler u dan għad-detriment ta' Glen Vella u/jew persuna/i naturali/ ġuridiċi oħra;

U wkoll talli matul ix-xahar ta' April tas-sena 2025 f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer:

3. Għex ħajja ta' għażż u vagabundaġġ;

4. U wkoll talli fl-istess dati, lokalitajiet, ħinijiet u ċirkostanzi kiser waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta’ Ordni ta’ Trattament mogħti lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per il-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. nhar id-29 ta’ Marzu 2023;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (1) titratta ma’ Rod Cini bħala reċediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, wara li kien misjub ħati ta’ diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu; (2) f’każ ta’ ħtija għar-reati kollha imsemmija jew għal wieħed minnhom biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra Rod Cini d-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 15A *et seq* tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Liġi; (3) f’każ ta’ ħtija għar-reati kollha imsemmija jew għal wieħed minnhom biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra Rod Cini d-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikoli 532A u/jew 532B u/jew 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Liġi;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. “CV” u Dok. “CV1” a fol. 6 sa’ 12 tal-proċess;

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali ai termini ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, a fol. 13 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta’ l-Ispettur Ian Vella[2], ta’ PC2427 Shania Meyer[3], ta’ PS2416 Sarah Jane Ellul[4] u ta’ PC229 Nicolai Zarb[5], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta’ April 2025, u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Ian Vella markati Dok. “IV1” sa’ Dok. “IV14” a fol. 23 sa’ 39 tal-proċess[6];

Rat illi waqt is-seduta tal-5 ta’ Mejju 2025[7], l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu ikkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta’ tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jerġa’ lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Fol. 14 tal-proċess.

[2] Fol. 18 sa’ 22 tal-proċess.

[3] Fol. 40 sa’ 42 tal-proċess u fol. 46 tal-proċess.

[4] Fol. 43 sa’ 45 tal-proċess.

[5] Fol. 47 sa’ 49 tal-proċess.

[6] Dok. “IV5” sa’ Dok. “IV11” - Esebit Nru. KA217/2025.

[7] Fol. 50 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-2 ta' April 2025 bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) minn ġewwa l-istabiliment Direct Vision ta' Daniel's Shopping Mall ta' Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) Ikkommetta serq ta' Play Station 5 Portal u Play Station 4 compact controller, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, liema ammont jeċċedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' Marvin Stivala u/jew persuna/i naturali jew ġuridiċi oħra; U wkoll talli matul il-ġurnata tat-3 ta' April 2025 minn ġewwa l-istabbiliment HandKrafts ta' Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta, u/jew f'bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (2) Ikkommetta serq ta' headphones ta' Paw Patrol u Quokka Dark Colour Tumbler u dan għad-detriment ta' Glen Vella u/jew persuna/i naturali/ ġuridiċi oħra; U wkoll talli matul ix-xahar ta' April tas-sena 2025 f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer: (3) Għex ħajja ta' għażż u vagabundaġġ; (4) U wkoll talli fl-istess dati, lokalitajiet, ħinijiet u ċirkostanzi kiser waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' Ordni ta' Trattament mogħti lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per il-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. nhar id-29 ta' Marzu 2023. Il-Prosekuzzjoni in oltre tressaq fil-konfront ta' l-imputat l-addebitu tar-reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda mbagħad, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2025 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih. Fid-dawl ta' tali ammissjoni u anke fid-dawl tax-xhieda li l-Qorti semgħet u kkunsidrat sa' l-istadju ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, u b'mod partikolari mill-filmati esebiti mill-Ispettur Ian Vella waqt is-seduta tal-11 ta' April 2025, l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat u li ġew minnu ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri u li japplika l-konkors ta' reati u tal-pieni ai termini ta' l-Artikolu 17 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 49, 50, 261(b)(ċ), 263(b), 267, 279(a), 280(2), 284, 285, 289, 338(w) u 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess u anke a bażi tal-provi mismugħa sa' l-istadju ta' l-ammissjoni, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u ssib li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundannah għal disa' (9) xhur priġunerija effettiva u għall-ammenda fl-ammont ta' €1,164.00. Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas l-ammenda hawn imposta fuqu, jiskattaw fil-konfront tiegħu l-provvedimenti ta' l-Artikoli 13 u 14 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mit-terminu ta' disa' (9) xhur priġunerija hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Peress illi fil-kors tas-sottomissjonijiet dwar il-piena rriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perijodu ta' ħames (5) snin u taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 15A, 532A u 532B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, tastjeni wkoll mill-tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**